DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1791

tas-16 ta' Novembru 2020

li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa ta' ċerti taxxi indiretti fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott f'Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, f'Martinique u f'Réunion

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 189/2014/UE ([2]) awtorizzat lil Franza tapplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott f'Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, f'Martinique u f'Réunion, u mibjugħ fi Franza kontinentali, li tista' tkun aktar baxxa mir-rata minima tad-dazju tas-sisa stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 92/84/KEE ([3]) iżda mhux aktar minn 50 % anqas mir-rata tad-dazju tas-sisa standard nazzjonali fuq l-alkoħol. It-tnaqqis tad-dazju tas-sisa huwa limitat għal kwota annwali ta' 144 000 ettolitru ta' alkoħol pur. Dik l-awtorizzazzjoni tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020.

(2) Fit-18 ta' Ottubru 2019, l-awtoritajiet Franċiżi talbu lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi l-perjodu tal-awtorizzazzjoni stabbilit fid-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE, bi kwota ogħla għal perjodu ta' seba' snin, mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

(3) Minħabba l-iskala żgħira tas-suq lokali, id-distilleriji fl-erba' reġjuni ultraperiferiċi koperti minn dik l-awtorizzazzjoni jistgħu jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom biss jekk ikollhom aċċess suffiċjenti għas-suq fi Franza kontinentali, li huwa s-suq ewlieni għar-rum tagħhom (65 % tar-rum). Id-diffikultà li għandu r-rum "tradizzjonali" biex jikkompeti fis-suq tal-Unjoni hija kkaġunata minn żewġ parametri: kostijiet ogħla ta' produzzjoni u taxxi ogħla għal kull flixkun peress li r-rum "tradizzjonali" jiġi tipikament ikkummerċjalizzat b'livelli ogħla ta' saħħa alkoħolika u fi fliexken akbar.

(4) Il-kostijiet ta' produzzjoni tal-katina tal-valur tal-kannamieli-zokkor-rum fl-erba' reġjuni ultraperiferiċi huma ogħla milli f'reġjuni oħra tad-dinja. B'mod partikolari, il-periferiċità, it-topografija u l-klima diffiċli ta' dawk l-erba' reġjuni ultraperiferiċi għandhom impatt konsiderevoli fuq il-kost tal-ingredjenti u tal-produzzjoni. Barra minn hekk, il-kostijiet lavorattivi huwa ħafna ogħla minn dawk f'pajjiżi ġirien peress li l-leġiżlazzjoni soċjali Franċiża hija applikabbli f'Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, f'Martinique u f'Réunion. Dawk ir-reġjuni ultraperiferiċi huma soġġetti wkoll għal standards ambjentali u ta' sikurezza tal-Unjoni, li jinvolvu investimenti konsiderevoli u kostijiet li mhumiex marbuta direttament mal-produttività, minkejja li parti minn dawk l-investimenti hija kofinanzjata mill-fondi strutturali tal-Unjoni. Barra minn hekk, id-distilleriji f'dawk ir-reġjuni ultraperiferiċi huma iżgħar mid-distilleriji ta' gruppi internazzjonali. Dan jiġġenera kostijiet ta' produzzjoni ogħla għal kull unità ta' produzzjoni.

(5) Ir-rum "tradizzjonali" mibjugħ fi Franza kontinentali huwa tipikament ikkummerċjalizzat fi fliexken akbar (36 % tar-rum jinbiegħ fi fliexken li jesgħu litru) u b'livelli ogħla ta' alkoħol (li jvarjaw minn 40° sa 59°) minn prodotti tal-kompetituri bbażati fuq ir-rum, li huma tipikament ikkummerċjalizzati fi fliexken ta' 0,7 litru b'37,5°. Il-livelli ogħla tal-kontenut tal-alkoħol min-naħa tagħhom iwasslu għal dazji tas-sisa ogħla, "*cotisation sur les boissons alcooliques*" (magħruf ukoll bħala "*vignette sécurité sociale*") (VSS) ogħla u, barra minn hekk, taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ogħla għal kull litru ta' rum mibjugħ. Għaldaqstant, ir-rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa, li mhix aktar minn 50 % anqas mid-dazju tas-sisa standard nazzjonali fuq l-alkoħol, għadha proporzjonata mal-kostijiet addizzjonali kumulattivi li ġejjin mill-kostijiet ogħla ta' produzzjoni kif ukoll mid-dazju tas-sisa, mill-VSS u mill-VAT ogħla.

([1]) Opinjoni tas-6 ta' Ottubru 2020 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 189/2014/UE tal-20 ta' Frar 2014 li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa ta' ċerti taxxi indiretti fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fil-Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, fil-Martinique u fir-Réunion u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/659/KE (ĠU L 59, 28.2.2014, p. 1).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/84/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tat-taxxa tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU L 316, 31.10.1992, p. 29).

(6) Għaldaqstant, għandhom jitqiesu l-kostijiet żejda li jitnisslu mill-prattika ta' kummerċjalizzazzjoni ta' għaxar snin ta' bejgħ tar-rum "tradizzjonali" b'livelli ogħla ta' alkoħol u li, għalhekk, iwasslu għal taxxi ogħla.

(7) Biex il-vantaġġ fiskali li jkopri kemm id-dazji tas-sisa armonizzati u l-VSS jiġi awtorizzat, dan jeħtieġ li jibqa' proporzjonat biex ma jdgħajjifx l-integrità u l-koerenza tal-ordni legali tal-Unjoni, inkluż is-salvagwardja ta' kompetizzjoni mhux imxekkla fis-suq intern u fil-politiki ta' għajnuna mill-Istat.

(8) Sal-lum, il-vantaġġ fiskali ma kellux impatt fuq is-suq intern peress li s-sehem mis-suq tar-rum 'tradizzjonali' naqas bi 11 % f'dawn l-aħħar snin, minħabba l-konsum dejjem akbar ta' xorb alkoħoliku bbażat fuq ir-rum.

(9) Sabiex jiġi evitat li jkun hemm trażżin qawwi tal-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u biex tiġi ggarantita l-kontinwazzjoni tal-industrija tal-kannamieli-zokkor-rum u l-impjiegi li din l-industrija tipprovdi fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi, jeħtieġ li l-kwota annwali tal-awtorizzazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 189/2014/UE tiżdied u tiġi aġġornata.

(10) Sabiex jiġi ggarantit li din id-Deċiżjoni ma ddgħajjifx is-suq intern, il-kwantitajiet massimi ta' rum, li joriġinaw mid-dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej eliġibbli għall-miżura, għandhom jiġu ffissati għal 153 000 ettolitru ta' alkoħol pur kull sena.

(11) Peress li l-benefiċċju fiskali huwa limitat għal dak li huwa neċessarju biex ipatti għall-kostijiet addizzjonali, u peress li l-volumi kkonċernati huma żgħar u l-benefiċċju fiskali huwa limitat għall-konsum fi Franza kontinentali, il-miżura ma ddgħajjifx l-integrità u l-koerenza tal-ordni legali tal-Unjoni.

(12) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-awtorizzazzjoni għadhomx jiġu ssodisfati, jenħtieġ li Franza tressaq rapport ta' monitoraġġ lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2025.

(13) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa (TFUE),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 110 TFUE, Franza hija awtorizzata testendi l-applikazzjoni fuq Franza kontinentali, għar-rum "tradizzjonali" prodott f'Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, f'Martinique jew f'Réunion, ta' rata tad-dazju tas-sisa anqas mir-rata sħiħa fuq l-alkoħol stabbilita f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/84/KEE u ta' rata ta' imposta imsejħa "*cotisation sur les boissons alcooliques*" (VSS) anqas mir-rata sħiħa applikabbli skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Artikolu 2

Id-deroga stabbilita fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni għandha tapplika għar-rum kif iddefinit fil-punt 1(f) tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) sal-24 ta' Mejju 2021 u għar-rum kif iddefinit fil-punt 1(g)(i) tal-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) mill-25 ta' Mejju 2021, li jiġi prodott f'Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, f'Martinique u f'Réunion mill-kannamiela miġbura fil-post tal-manifattura, li jkollha kontenut ta' sustanzi volatili għajr l-etanol u l-metanol li jkun ugwali għal 225 gramma jew li jaqbiżhom għal kull ettolitru ta' alkoħol pur u qawwa alkoħolika bil-volum ta' 40° jew aktar.

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1).

Artikolu 3

1. Ir-rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa u tal-VSS imsemmija fl-Artikolu 1 u applikabbli għar-rum imsemmi fl-Artikolu 2 għandhom ikunu limitati għal kwota annwali ta' 153 000 ettolitru ta' alkoħol pur.

2. Ir-rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa u tal-VSS imsemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jkunu anqas mir-rata minima tad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol stabbilita bid-Direttiva 92/84/KEE, iżda ma għandhomx ikunu aktar minn 50 % anqas mir-rata sħiħa fuq l-alkoħol stabbilita f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/84/KEE jew mir-rata sħiħa fuq l-alkoħol għall-VSS.

3. Il-vantaġġ fiskali kumulattiv awtorizzat f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma għandux ikun aktar minn 50 % tar-rata sħiħa fuq l-alkoħol stabbilita f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/84/KEE.

Artikolu 4

Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2025, Franza għandha tressaq rapport ta' monitoraġġ lill-Kummissjoni sabiex din tkun tista' tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-awtorizzazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 1 għadhomx jiġu ssodisfati. Ir-rapport ta' monitoraġġ għandu jkun fih it-tagħrif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

ANNESS

IT-TAGĦRIF LI JRID JIDDAĦĦAL FIR-RAPPORT TA' MONITORAĠĠ IMSEMMI FL-ARTIKOLU 4

1. Kostijiet addizzjonali stmati. It-tagħrif għandu jingħata għal kull tip ta' rum ("rhum agricole" u "rhum sucrerie") li jibbenefikaw minn rata mnaqqsa tat-taxxi indiretti rilevanti. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom jimlew it-Tabella 1 tal-inqas bit-tagħrif li ġej, fejn tagħrif bħal dan ikun disponibbli. It-tagħrif mogħti fit-Tabella 1 għandu jkun biżżejjed biex jiġi vvalutat il-kost addizzjonali li jħabbtu wiċċhom miegħu l-produtturi fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi.

Tabella 1

	Guadeloupe (EUR)	Il-Guyana Franċiża (EUR)	Martinique (EUR)	Réunion (EUR)	Noti [3]
Prezz tal-kannamiela (għal kull 100 kg)					
Prezz tal-melassa (għal kull 100 kg)					
Kost tal-merkanzija (għal kull kg)					
Forza tax-xogħol (għal kull hlpa) [1]					
Inputs oħra (għal kull hpla) [1]					
Kostijiet tad-deprezzament					
Kostijiet tal-konformità					
Kostijiet oħra [2]					

Noti mat-Tabella 1:

[1] Ettolitri ta' alkoħol pur.

[2] Ipprovdi tagħrif dwar l-ispeċifikazzjonijiet u l-kjarifiki kollha li jirfdu l-metodi ta' kalkolu.

[3] Ipprovdi tagħrif dwar il-kostijiet relatati mal-ilma, mal-enerġija u mal-iskart u kostijiet rilevanti oħra.

2. Sussidji oħra. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom jimlew it-Tabella 2, jelenkaw il-miżuri l-oħra kollha ta' għajnuna u ta' appoġġ li jindirizzaw il-kostijiet operatorji addizzjonali tal-operaturi ekonomiċi marbuta mal-istatus tar-reġjuni ultraperifiċi.

Tabella 2

Miżura ta' għajnuna/ appoġġ[1]	Perjodu[2]	Setturi fil-mira[3]	Ammont tal-baġit f'EUR[4]	Nefqa annwali, f'EUR (2019-2024)[5]	Sehem tal-baġit attribwit għall-kumpens tal-kostijiet addizzjonali[6]	Stima tan-numru ta' ditti benefiċjarji[7]	Noti[8]
[lista]							

Noti mat-Tabella 2:

[1] Ipprovdi tagħrif dwar l-identifikazzjoni u t-tip ta' miżura (programm, numru tal-għajnuna mill-Istat eċċ.).

[2] Ipprovdi tagħrif dwar is-snin koperti mill-miżura.

[3] Ipprovdi tagħrif għall-miżuri orjentati lejn is-settur biss.

[4] Ipprovdi tagħrif dwar il-baġit globali tal-miżura u dwar is-sorsi ta' finanzjament.

[5] Ipprovdi tagħrif dwar in-nefqa attwali sena b'sena għall-perjodu ta' monitoraġġ (2019–2024), fejn disponibbli.

[6] Ipprovdi stima approssimattiva, bħala perċentwal tal-baġit globali.

[7] Ipprovdi stima approssimattiva, fejn possibbli.

[8] Ipprovdi kwalunkwe kummenti u kjarifiki.

3. Impatt fuq il-baġit pubbliku. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom jimlew it-Tabella 3 u jipprovdu l-ammont totali stmat (f'EUR) tat-taxxa mhux miġbura minħabba d-differenzjali tat-taxxa applikati.

Tabella 3

	2019	2020	2021	2022	2023	2024
Dħul mit-taxxa mitluf						

4. Impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika globali. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom jimlew it-Tabella 4 u jipprovdu kwalunkwe *data* li turi l-impatt tar-rata mnaqqsa tat-taxxi indiretti rilevanti fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku tar-reġjuni ultraperiferiċi. L-indikaturi mitluba fit-Tabella jirreferu għall-prestazzjoni tas-settur tar-rum meta mqabbel mal-prestazzjoni ġenerali fl-ekonomija reġjonali. Jekk uħud mill-indikaturi ma jkunux disponibbli, għandha tiddaħħal *data* alternattiva ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni ekonomika globali tar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi.

Tabella 4

Sena[1]	2019	2020	2021	2022	2023	2024	Noti[2]
Valur miżjud gross reġjonali							
Fis-settur tar-rum							
Fis-settur tal-kannamieli-zokkor-rum							
Impjieg fid-distilleriji lokali							
Impjieg fis-settur tal-kannamieli-zokkor-rum							
Rata tal-qgħad							
Għadd ta' intrapriżi attivi							
Għadd ta' produtturi tar-rum (inklużi l-SMEs)							
Żona ta' kultivazzjoni tal-kannamiela (ha)							
Indiċi tal-livell tal-prezzijiet - Franza kontinentali							
Indiċi tal-livell tal-prezzijiet - reġjuni							
Għadd ta' turisti - reġjuni							
Għadd ta' turisti- distilleriji							

Noti mat-Tabella 4:

[1] jista' jkun li t-tagħrif mhux disponibbli għas-snin kollha elenkati

[2] ipprovdi kummenti u kjarifiki kif meqjus rilevanti

5. Speċifikazzjonijiet tar-reġim. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom jimlew it-Tabella 5 għal kull tip ta' rum ("rhum agricole" u "rhum sucrerie") u għal kull reġjun (Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique u Réunion). Jekk uħud mill-indikaturi ma jkunux disponibbli, għandha tiddaħħal *data* alternattiva ta' rappurtar dwar l-ispeċifikazzjonijiet tar-reġim.

Tabella 5

Kwantità (f'hlpa[1])	2019	2020	2021	2022	2023	2024
Produzzjoni tar-rum						
Produzzjoni tar-rum tradizzjonali						
Bejgħ lokali tar-rum						
Rum mibgħut lejn Franza kontinentali						
Rum tradizzjonali mibgħut lejn Franza kontinentali						
Rum tradizzjonali mibgħut bid-deroga						
Rum mibgħut lejn Stati Membri oħra						
Rum esportat lejn pajjiżi terzi						
Rum bħala perċentwal tal-volum totali tal-esportazzjonijiet supplimentari tar-reġjuni ultraperifiċi (%)						
Sehem mir-rum tradizzjonali Franċiż fis-suq tar-rum ta' Franza kontinentali (%)						
Rata ta' tkabbir tas-suq tar-rum ta' Franza kontinentali (%)						
Rata ta' tkabbir tal-ispirti ta' Franza kontinentali (%)						

Nota mat-Tabella 5:

[1] Ettolitri ta' alkoħol pur.

6. Irregolaritajiet. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom jipprovdu tagħrif dwar kwalunkwe investigazzjoni dwar irregolaritajiet amministrattivi, dwar evażjoni mit-taxxi indiretti rilevanti, u dwar kuntrabandu tal-prodotti alkoħoliċi kkonċernati fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni. Dawn għandhom jipprovdu tagħrif dettaljat, inkluż tal-inqas tagħrif dwar in-natura tal-każ, il-valur u l-perjodu ta' żmien.

7. Ilmenti. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom jipprovdu tagħrif dwar jekk l-awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali rċevewx ilmenti li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni, jew mill-benefiċjarji jew inkella minn dawk li mhumiex benefiċjarji.